MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1023/1994/1

**Emanuel Fava**

**Vs**

**Prof. John Mamo LL.D. u Dottor Andrew Muscat LL.D., it-tnejn bhala Diretturi, ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta` Meridian Enterprises Co. Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-6 ta' Lulju 1994 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fit-30 ta' April 1994, l-attur xtara minghand is-Socjeta` konvenuta l-vettura tal-marka Hyundai, ta' kulur abjad, Serial Number 852625, Engine Number G-406P-002878, bil-prezz ta' Lm4,359;

Premess illi recentement l-attur skopra li din il-vettura zviluppat is-sadid man-naha tar-*rear window* taghha u dan il-fatt jikkostitwixxi difett redibitorju, ghal-liema difett ghandhom iwiegbu il-konvenuti *nomine*;

Premess illi dan id-difett inaqqas daqshekk il-valur tal-vettura illi l-attur ma kienx jixtriha li kieku kien jaf bih;

Premess illi l-attur, sabiex ikun jista' jixtri tali vettura, hallas u involva ruhu f' dawk l-ispejjez li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u b' hekk gie li l-attur sofra danni konsistenti f' tali spejjez;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-vettura tal-marka Hyundai, ta' kulur abjad, Serial Number 852625, Engine Number G-406P-002878, li l-attur xtara minghand is-Socjeta` konvenuta bil-prezz ta' Lm4,359, hija affetta minn vizzju redibitorju, kif premess, li jnaqqas daqshekk il-valur tal-vettura illi l-attur ma kienx jixtriha li kieku kien jaf b' dan il-vizzju;

2. Konsegwentement tiddikjara rexiss u rizolut l-imsemmi bejgh tal-vettura maghmul mill-konvenuti *nomine* lill-attur;

3. Tiddikjara illi l-konvenuti *nomine* huma responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur kif fuq inghad;

4. Tillikwida tali danni okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

5. Tikkundanna lill-konvenuti *nomine* sabiex ihallsu lill-attur id-danni li jigu hekk likwidati;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* pprezentata fl-14 ta’ Ottubru 1994 li permezz taghha huma eccepew:-

1. Preliminarjament illi l-azzjoni hija preskritta a tenur ta’ l-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili (Kap. 16);

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju, illi l-karozza in kwistjoni ma hija effettwata minn ebda difett redhibitorju kif allegat mill-attur;

3. Ukoll minghajr pregudizzju, illi f’azzjoni redhibitorja il-kumpratur ma jistax jitlob hlief ir-rexissjoni tal-kuntratt u ghaldaqstant it-talbiet tieghu ghad-danni huma insostenibbli;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuti *nomine* u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet tal-25 ta’ Ottubru 1996 li permezz tieghu gew nominati bhala esperti gudizzjarji s-Sur Joseph Buttigieg u Dr. Mark Chetcuti biex ifittxu u jirrelataw dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehdu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni tal-periti gudizzjarji nominati li tinsab a fol. 92 *et sequitur* tal-process u li giet minnhom debitament konfermata fl-udjenza tad-9 ta’ Jannar 2003;

Rat l-Affidavits ipprezentati u t-traskrizzjoni tax-xhieda prodotti;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet ipprezentati mill-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

F’ materja ta’ kompra-vendita l-ligi tippreciza l-obbligi tal-bejjiegh billi tiddetta illi dan ghandu zewg obbligi, jigifieri, “li jikkunsinna, u li jiggarantixxi l-haga mibjugha” (Artikolu 1378 tal-Kodici Civili). Il-meritu tal-kaz in ezami jikkoncerna dan it-tieni obbligu, ossija l-garanzija li l-venditur ghandu jaghti lix-xerrej ghad-difetti li ma jidhrux fil-haga venduta (Artikolu 1408 tal-Kodici Civili). Garanzija li takkorda lix-xerrej l-opportunita` jirrecedi mill-bejgh bl-azzjoni redibitorja jew b’ dik “*quanti minoris*”. Tali hu l-objjettiv ta’ l-attur bl-azzjoni minnu sperimentata;

Issa biex jirnexxi f’ din l-azzjoni tieghu, li riedet dejjem titmexxa “*per via di azione*” (**Vol. XX P I p 280**), l-attur jenhtieglu jipprova dawn l-elementi bazici:-

(i) il-vizzju fl-oggett mixtri u fuq kollox li tali vizzju kien mohbi;

(ii) li dan il-vizzju kien wiehed serju u ta’ certu gravita`;

(iii) li kien pre-ezistenti ghall-bejgh (**Vol. XXXVII P II p 742**) jew ezistenti fil-mument tal-bejgh (**Vol. XLI P II p 1198**);

Huwa tista’ tghid principju assodat hafna illi biex il-vizzji jitqiesu redibitorji u allura produttivi ta’ l-azzjoni analoga “*e` necessario che tali vizii siano di una certa gravita`, la cui misura e` determinata dalla legge su due criterii, l’ uno obbiettivo consistente nella assoluta inettitudine della cosa all’ uso cui e` destinata, oppure nella diminuzione di tale uso; l’ altro subiettivo consistente nella intenzione del compratore il quale se avesse conosciuto quel vizio non avrebbe comprato la merce o almeno l’ avrebbe acquistata a prezzo minore*” – “**Ettore Lucia –vs-**

**Tommaso Chevalier *nomine***”, Appell Kummercjali, 21 ta’ Gunju 1920;

Jidher li din l-enuncjazzjoni tal-principju sabet favur f’ diversi sentenzi ohra li segwewha (Kollez, **Vol. XXVII P III p 454; Vol. XLIII P I p 545**, fost ohrajn);

Huwa daqstant iehor pacifiku illi “l-vizzju huwa okkult (redibitorju) meta x-xerrej, b’ diligenza ordinarja u wahdu ma jkunx jista’ jiskopri d-difetti. Meta l-haga mibjugha timmanifesta ghax-xerrej ordinarjament attent difett jew tracci li jindikaw l-ezistenza tad-difett, allura l-vizzju jkun wiehed apparenti. Il-gudikant ikun irid jaghmel apprezzament tac-cirkostanzi kollha tal-kaz fosthom dawk taz-zmien, tal-post u tal-persuni nvoluti” – “**Carmelo Schemrbi –vs- Salvina Aquilina *nomine***”, Qorti tal-Kummerc, 6 ta’ Novembru 1987; “**Pierre Vella Petroni –vs- Joseph Oliver sive Oliver Ruggier**”, Appell, 3 ta’ Dicembru 1999;

Tezisti indiskutibilment konkordanza illi ghas-success ta’ din ix-xorta ta’ azzjoni, oltre l-prova tar-rekwiziti fuq delinejati, del resto prefissi wkoll bl-Artikolu 1424 tal-Kodici Civili, l-attur jehtieglu jipproponi din l-istess azzjoni tieghu fit-terminu stabbilit fl-Artikolu 1431 ta’ l-istess Kodici. Inkella, jekk hu jhalli dak it-terminu ghaddej inutilment huwa jigi li rremedjabilment ippregudika d-dritt tieghu li jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja li l-oggett komprat minnu kien affett minn difett mohbi (**Vol. XVIII P III p 59; Vol. XXV P II p 422; Vol. XXXV P I p 397; Vol. XLVII P I p 556**);

Il-kontroversja li kienet tezisti fil-kazistika jekk dan it-terminu huwiex wiehed ta’ preskrizzjoni jew ta’ dekadenza ilha ormai li giet abbandunata. Huwa ormai ben stabbilit illi dan it-terminu hu wiehed ta’ dekadenza “b’ mod li jekk l-azzjoni ma tigix esperita fi zmien dak ix-xahar l-istess tigi perenta” (“**Carmelo Buttigieg –vs- Eucharist Zammit et *nomine***”, Appell, 7 ta’ Ottubru 1997 u r-rassenja ta’ gurisprudenza fiha kontemplata);

Biex allura l-attur *qua* xerrej ikun jista' jsostni l-azzjoni tieghu wara d-dekors taz-zmien jehtieglu jipprova illi huwa fiz-zmien utili nforma lill-venditur bil-vizzju tal-haga, u li dan, f' dak iz-zmien, ipprometta li jiehu l-haga lura, jew almenu rrikonoxxa jew ma kkontrastax l-ezistenza tal-vizzju (**Vol. XXXVIII P III p 723; "Edward Fenech *et* –vs- Gaetano Spiteri"**, Appell Civili, 4 ta' Lulju 1990;

F' dan il-kuntest huwa rikonoxxut illi "t-trattativi ta' transazzjoni meta fihom il-venditur ma jirrikonoxxix il-vizzju ma jimportaw l-ebda obbligazzjoni fil-venditur u ma joperawx biex isalvaw lill-kompratur minn dik il-dekadenza" (**Vol. XXXIV P III p 779; "Paul Xerri –vs- Joseph Pitre` et"**, Appell, 7 ta' Ottubru 1997; **"Anton Grima –vs- Anthony Fenech *nomine*"**, Appell, 6 ta' Ottubru 1999);

Dan appena premess ghandu jfisser illi una volta tivverifika ruhha d-dekadenza, l-akkwirent jista' jirrikupra d-dritt tieghu ghall-azzjoni in garanzija fil-kaz biss li l-venditur jirrikonoxxi l-ezistenza tad-difett jew dan addirittura jirrinunzja ghad-dekadenza nnifisha;

Ir-rikonoxximent da parte tal-venditur tal-vizzju fl-oggett mibjugh akkumpanjat mill-impenn ta' l-eliminazzjoni tad-difett jaghti fil-fehma ta' din il-Qorti lok ghall-obbligazzjoni awtonoma gdida, novattiva ta' dik l-obbligazzjoni originarja tal-garanzija ghall-vizzji okkulti;

Kwantu ghar-rinunzja din tista' tkun tacita, dezunta, per ezempju, minn weghda tar-riparazzjoni jew tas-sostituzzjoni tal-haga jew tar-restituzzjoni tal-prezz jew ta' proposta tar-rizoluzzjoni konsenswali tal-kuntratt jew addirittura bil-kunsens da parte tal-venditur tal-verifika ta' l-oggett u ta' l-accertament tekniku tal-vizzju;

Fl-ahharnett, in tema tat-terminu preskritt biex tigi esperita l-azzjoni ghandu jinghad illi "id-dies de quo" tad-

dekorrenza tat-terminu stabbilit fis-subinciz (2) ghal-Artikolu 1431 huwa individwat fil-mument ta' l-iskoperta tad-difett. Skoperta li trid tkun effettiva u kompleta fis-sens li x-xerrej ikollu c-certezza objettiva, u mhux is-semplici suspett, tad-difett. Ara a propositu, ghalkemm bi kliem u tifsira differenti, id-decizjonijiet fl-ismijiet "**Marie Rose Muscat Baldacchino –vs- E. Vincenti Kind**", Appell Kummercjali, 18 ta' Ottubru 1963; "**Emmanuele Florian –vs- Rosario Desira**", Appell Kummercjali, 9 ta' Gunju 1969 u "**Dottor Charles J. Xuereb –vs- John Attard *et nomine***", Appell Kummercjali, 21 ta' Ottubru 1977;

Premessi s-suesposti konsiderazzjonijiet ta' dritt, il-fatti li taw lok ghall-azzjoni hawn ezaminata huma fil-qosor dawn:-

I. Fl-24 ta' Jannar 1994 l-attur ordna minghand is-socjeta` konvenuta karozza tal-marka "Hyundai" li giet lilu konsenjata fit-30 ta' Marzu 1994;

II. Fl-Affidavit tieghu (fol. 35) l-attur jghid li nnota sadid madwar l-*windscreen*. Skond Manwel Micallef (fol. 14) garage manager tas-socjeta` konvenuta, dawn kienu bhal tikek ckejknin hafna fil-wicc ta' l-ispray. Carmelo Farrugia (fol. 18), sprayer ma' l-istess socjeta`, jiddeskrivihom bhala tliet *spots* zghar taht xulxin qishom ras ta' labra (fol. 26);

III. L-attur gie nformat mill-imsemmi Manwel Micallef li ma kien hemm xejn ta' gravita (fol. 29) u fil-fatt gie applikat ir-*rust remover* u l-*undercoat* wara li l-*area* fejn kien jinsabu l-i*spots* giet xkatlata. Ara deposizzjoni ta' Carmelo Farrugia (fol. 27);

IV. L-attur ha l-karozza fil-garage tas-socjeta` konvenuta fit-18 ta' April 1994 u x-xoghol kien tlesta l-ghada stess. Ara *job card* a fol. 17;

V. Malli tlesta x-xoghol, Louis Dalli (fol. 42) *salesman* mas-socjeta` konvenuta cempel lill-attur biex dan jehodha

lura izda dan baqa’ ma marx ghaliha; anzi gharrafhom li jistghu jzommuha;

Applikati l-predetti principji ghall-fatti in disamina, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:-

A. Minn dak kostatat mill-perit tekniku, li ezamina l-vettura tliet snin wara x-xiri taghha, l-ebda difett ma gie minnu riskontrat u t-tikek li gew irtokkati ma baqghux jidhru. Ara rapport peritali, u precizament a fol. 100 tal-process;

B. Ghal Qorti dan ifisser illi l-allegat difett ma kienx wiehed permanenti, kontinwu jew serju;

C. Huwa mbaghad logiku u naturali illi s-sostanzjalita` tal-vizzju hu kkalkolat fid-dawl tar-riparazzjoni biex id-difett gie rimoss. Dan s’ intendi dejjem u apparti l-arbitriju prudenzjali tal-gudikant li jkun qed jindaga l-materja;

D. Ghall-finijiet ta’ l-indagini dwar l-ezistenza u s-serjeta` tal-vizzju trid issir distinzjoni bejn il-konsegwenzi esterni tal-vizzju u l-konsistenza tieghu stess. Konsistenza li allura tifforma l-kawza ta’ dik il-manifestazzjoni esterna. F’ dan il-kaz kif apprezzat mill-perit tekniku din il-konsistenza kienet ghal kollox mankanti;

E. Hi ghalhekk il-fehma tal-Qorti illi l-attur qieghed jappilja ruhu ma’ trivjalita` biex jehles mill-impenji legali tieghu, bhal dak li ma kienx ried jixtri dar li pprometta li jixtri fuq konvenju ghax ra ftit sadid fit-travi (Kollezz. **Vol. XXXI P I p 538**);

Proprju f’ dik il-kawza gie rimarkat illi “huwa principju fundamentali fil-materja ta’ l-obbligazzjonijiet illi minn jobbliga ruhu ghandu jaghmel dak li fuqu waqghet l-obbligazzjoni bil-*buona fede* kollha mehtiega skond il-ligi u skond ir-raguni, u l-Qrati ma jistghu qatt jaghtu appogg ghal min ikun irid jappilja ruhu ghal xi difett zghir li jkun hemm fil-materja ta’ l-obbligazzjoni u b’ hekk jasal fl-intent tieghu. Il-gurisprudenza u d-duttrina dejjem applikaw f’ dawn il-kazijiet il-principju illi *de minimis non curat praetor*,

meta l-Qorti tkun konvinta illi dik id-differenza hija tant zghira u insinjifikanti, almenu fil-koncezzjoni tal-partijiet, li tkun migjuba bhala semplici skuza biex tghin lil min irid ikun inadempjenti ghall-obbligazzjoni tieghu”;

Apparti din il-kostatazzjoni fis-sustanza dwar in-natura u x-xorta tad-difett, il-perit legali jaskrivi raguni ohra l-ghala t-talba attrici ma ghandhiex tircievi akkoljiment;

Huwa jadduci, b’ sostenn ta’ l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta` konvenuta, illi l-azzjoni attrici hi perenta peress illi ma gietx dedotta fit-terminu ta’ xahar prevvist mil-ligi. Fuq l-istregwa tal-fatti maghrufa, isostni illi meta l-attur intavola l-azzjoni tieghu fis-6 ta’ Lulju 1994 ix-xahar preskritt mil-ligi kien abbondantement skada minn meta l-attur kixef l-allegat difett fit-18 ta’ April 1994;

Dwar din il-materja l-attur jirribatti illi bis-sahha ta’ l-emenda ntrodotta bl-Att XXVIII ta’ l-1994 ghall-Artikolu 1431 it-terminu stipulat kien gie estiz minn dak ta’ xahar ghal wiehed ta’ sitt xhur. Jikkontendi illi din l-emenda ghandha tircievi applikazzjoni b’ mod retroattiv ghal kazijiet kollha pendenti anke ghaliex kellha tigi meqjusa bhala wahda ta’ ordni pubbliku;

Jidher li l-motiv addott mill-attur huwa allura fis-sens illi l-emenda tinvadi l-funzjonijiet proprji ta’ l-awtorita` gudizzjarja peress illi meta saret kien hemm gja kawza *sub judice*. Konsegwentement, dejjem skond il-fehma tieghu, dan l-istess motiv huwa riferibbli ghall-fatt illi l-emenda apportata ghall-Artikolu 1431 kienet tolqot il-kawza tieghu maghmula u mibdija qabel l-Att imsemmi;

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma dawn l-affermazzjonijiet u spjegazzjonijiet forniti mill-attur. Dan qed tghidu mhux biss ghax jezistu ezemplari kaptati mill-gurisprudenza fejn il-Qrati applikaw it-terminu ta’ xahar f’ kawzi decizi wara d-dhul in essere ta’ l-Att ghalkemm mibdija qabel – ara, *ad exemplum*, “**Paul Xerri –vs- Joseph Pitre**”, Appell, 7 ta’

Ottubru 1997 u "**Austin Grima –vs- Anthony Fenech *nomine***", Appell 6 ta' Ottubru 1999, gja referenzjati – izda, fuq kollox, in raguni ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:-

(1) Kif sottomess mis-socjeta` konvenuta l-Att surreferit gie assentit mill-President fit-2 ta' Dicembru 1994 u l-operabilita` tieghu ddahhlet in vigore fit-23 ta' Jannar 1996 permezz ta' l-Avviz Legali 7 ta' l-1996. Minn dan biss huwa nkoncepibbli kif l-attur jippretendi illi azzjoni li kienet perenta fl-1994 bl-istat tal-ligi kif kienet qabel l-Att giet resuxxitata bis-sahha ta' l-Att fl-1996;

(2) Intant ukoll fl-Att imsemmi ma nsibu l-ebda disposizzjoni dikjarattiva ta' l-espressjoni illi l-emenda kellha tircievi applikabilita` b' mod retro-attiv. Huwa veru li jezistu okkazzjonijiet fejn il-legislatur iddikjara ligi b' effett retro-attiv. Dan pero` mhux il-kaz hawnhekk billi dikjarazzjoni konsimili ma tezistix;

(3) Id-dritt transitorju jipprovdi b' mod kategoriku u car illi anke fejn si tratta ta' ligijiet fiskali:

(a) dawn huma soggetti bhal ligi komuni ghall-principju tan-non-retroattivita`;

(b) li l-attijiet u trasferimenti huma regolati mil-ligi antika li tahtha jkunu gew kompjuti;

(c) li l-attijiet mibdija taht il-ligi antika li jestendu ruhhom taht il-gdida ghandhom ikunu imperanti minn din l-ahhar ligi;

(d) li fejn jezisti veru u proprju dritt kwezit kompjut taht il-ligi antecedenti, dan ghandu effikacja fih innifsu li jirrizisti ghall-applikazzjoni tal-ligi, anki fiskali, gdida, f' kaz ta' mutament tal-ligi anterjuri;

Dawn il-principji kompendjati fid-decizjoni fl-ismijiet "**Chev. Antonio Cassar Torreggiani –vs- Nutar Dr. Vincenzo Gatt *nomine***", Appell Civili, 12 ta' Mejju 1950, konsegwiti u abbraccjati fid-decizjoni fl-ismijiet "**Emanuel Mifsud –**

**vs- il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp**", Appell, 31 ta' Mejju 1996, ghandhom jircievu ghall-applikabilita` taghhom sostenn fil-prezenti istanza. Dan anke b' konferma tal-principju illi "*gli effetti dell' obbligazione si regolano in ogni tempo dalla legge sotto il cui impero le obbligazioni sono nate*" (**Vol. XX P I p 68**);

(4) Huwa minnu illi kif anke rikonoxxut fid-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "**Il-Pulizija –vs- Lawrence Cuschieri**", 8 ta' Jannar 1992, in tema ta' ligijiet ta' indoli penali, l-promulgazzjoni ta' kull ligi tohloq immedjatament problemi ta' dritt transitorju li diversi drabi l-istess ligi tipprova tirregola hija stess, imma, fi kwalunkwe kaz, iridu b' xi mod jigu konkordati mill-gudikant skond il-principji generali tad-Dritt. B' danakollu konformement mal-posizzjoni raggunta mill-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni "**Edgar Baldacchino *et* –vs- Onor. Dr. Tommoso Caruana Demajo *nomine et***", Appell Civili, 26 ta' Frar 1954 (Vol. XXXVIII P I p 61), "meta f' ligi li tohrog ma jkunx hemm klawsola retroattiva, u l-kliem taghha ma jkunx jimporta retroattivita`, dik il-ligi ma ghandhiex ikollha effett retroattiv, lanqas jekk tkun materja ta' interess jew ordni pubbliku";

Raggunti dawn il-konkluzjonijiet il-Qorti ma tarax il-htiega li tinoltra ruhha fuq l-aspett tad-danni reklamati u li dwarha ikkummentaw ukoll il-partijiet fin-Noti rispettivi taghhom. Sufficit li jigi rilevat biss illi x-xorta ta' azzjoni proposta mill-attur hi dik in garanzija li ghandha l-parametri stretti taghha entro in-norma ta' l-Artikolu 1429 tal-Kodici Civili. Mhijiex allura l-azzjoni ghar-rizoluzzjoni in forza tal-principju "*inademplenti non est ademplendum*". Ghal din ir-raguni wkoll t-talba attrici ghad-danni hi insostenibbli.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi bl-akkoljiment ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti *nomine*, tirrispingi t-talbiet attrici.

L-ispejjez gudizzjarji ghandhom jigu sopportati mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------